

# L-Aħmar u l-Blu – l-Kuluri Trinitarji



***Pawlu Dimech***

Il-kuluri jintużaw biex jiddistingwuna minn ħaddieħor u aħna l-Marsin il-kuluri tagħna huma l-aħmar u l-blu. Żewġ kuluri li għandu raħal ieħor f'Malta li hu Ħad-Dingli. Imma għalina dawn il-kuluri għandhom sinifikat speċjali. Il-kuluri ta' l-aħmar u blu narawhom iktar jispikkaw fil-festa ta' Trinità Qaddisa, fl-armar, fil-bandalori, pavaljuni u fuq il-bandieri li jperpru fuq il-bjut u l-marċijiet, fl-bżieżaq u saħansitra fil-flokkijiet li jintlibsu għal din l-okkażjoni tal-festa. Dan biex ma ssemmix li dawn il-kuluri jispikkaw wkoll fl-isports bħal futbol u regatta fost l-oħrajn. Nafu li l-kuluri li għandna l-Marsin ta' l-aħmar u l-blu huma marbuta mat-Titular tal-knisja parrokkjali u matriċi ta' Trinità Qaddisa?.

Kif ġew dawn il-kuluri u min għaddihomna? Insibu li żewġ qaddisin Trinitarji li waqqfu l-Ordni tat-Trinità Qaddisa kellhom viżjoni mis-sema jiġifieri dehra u kienet differenti minn xulxin. San Gwann de Matha dak in-nhar li kien qed iqaddes l-ewwel quddiesa tiegħu ra fil-viżjoni anġlu liebes l-abjad u b'salib kbir aħmar u blu fuq sidru waqt li idejh kienu qed jistrieħu fuq l-irjus ta' żewġ ilsiera, wieħed nisrani u ieħor Musulman li kienu għarkobbtejhom f'riġlejh. Il-qaddis l-ieħor San Felic de Valois ra l-istess salib aħmar u blu fi ġrajja oħra straordinarja, meta ra ċerv li kien qed jixrob u meta resaq lejh ra bejn il-qrun tiegħu s-salib bl-istess kuluri, aħmar u blu. Dawn is-sinjali mis-sema tas-salib bil-kuluri komplew jikkonfermaw lil dawn iż-żewġ qaddisin meta iltaqgħu biex iwaqqfu l-Ordni tat-Trinità Qaddisa. Iżda dan mhux kollox



għaliex meta huma minn Franza marru Ruma jitolbu lill-Papa Innoċenzju III għall-approvazzjoni ta' l-Ordni tat-Trinitarji u l-Papa beda jaħsibha li seħħet ħaġa mirakoluża oħra. Ġara li l-Papa Innoċenzju III kien qed iqaddes il-quddiesa u f'daqqa waħda lemaħ huwa wkoll id-dehra ta' l-anġlu bl-ilbies abjad bis-salib blu u aħmar fuq sidru u b'żewġ ilsiera f'riġlejh. Is-sema kien tkellem u l-Papa ta l-approvazzjoni tiegħu. Minn dakinhar 'il quddiem l-irħieb Trinitarji bdew iġibu fuq sidirhom fil-libsa tagħhom bajda s-salib aħmar u blu. Is-salib b'dawn iż-żewġ kuluri sar is-simbolu ta' trinitarji. Fil-festa titulari tagħna ħdejn il-bieb prinċipali tal-knisja parrokkjali jiġu armati l-istatwi ta dawn iż-żewġ qaddisin Trinitarji fuq il-pedestalli. Lil San Felic de Valois nsibuh biċ-ċerv ħdejn saqajh u fuq rasu ċ-ċerv, bejn il-qrun hemm is-salib aħmar u blu u dan l-istess salib jinsab fuq fil-libsa bajda fuq sider dan il-qaddis. L-istatwa ta' San Gwann de Matha turi lil dan il-qaddis liebes l-istess libsa tat-Trinitarji bis-salib aħmar u blu fuq sidru u jħares lejn wieħed mill-iskjavi marbut bil-ktajjen. Dawn l-istess qaddisin u oħrajn Trinitarji insibuhom impittrin fil-lunetti tal-ġnub tal-knisja u jiddomina fuqhom is-salib Trinitarju bil-kuluri aħmar u blu. Dan is-salib insibuh fuq it-terħa ta' l-artal maġġur, fl-apparat tal-festa, fuq l-orgni u f'bosta ħwejjeġ oħra. Dawn il-kuluri ta' l-aħmar u l-blu saru ukoll il-kuluri tal-Marsa li jiddistingwuna minn irħula u bliet oħra. Il-kuluri narawhom ukoll f'arma tal-Marsa u anke iddaħlu f'arma tal-Kunsill Lokali. Ma jistax jonqos li anke f'arma ta' l-Għaqda Festi Esterni SSma. Trinità insibu s-salib tat-Trinitarji u l-kuluri Aħmar u Blu li għalina huma tant għal qalbna mhux għaliex huma l-kuluri ta' raħal twelidna l-Marsa, iżda għaliex ifakkruna li aħna ulied it-Trinità Qaddisa li hija it-Titular tal-knisja parrokkjali u matriċi tal-Marsa.



*San Ġwann de Matha*



*San Felic de Valois*

Ejjew inkunu kburin b'dawn iż-żewġ kuluri sbieħ għalina l-Marsin l-aħmar u l-blu għaliex dawn huma tagħna bi dritt għax aħna Marsin Trinitarji.

